MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 1049/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**RADLEY AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Radley Agius, bin Francis u Martina nee' Scerri, imwieled Tal-Pieta', nhar it-30 ta' Dicembru, 1982, residenti fil-fond 18, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 50983 (M);

Akkuzat talli:

Fil-perjodu ta' bejn l-4 u l-5 ta' Settembru, 2006 fi Triq l-Immakulata Kundizzjoni, Birzebbuga, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Suzuki 80 bin-numru tar-registrazzjoni

FAJ 935, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Joseph Polidano.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Radley Agius hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------